*Artikoli 593 u 868 tal-Kodiċi Ċivili*

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa 24 ta' Frar, 2021**

**Numru 1**

**Rikors Numru 1179/12 TA**

**Frederick Cauchi Inglott għan-nom tat-tfal tiegħu assenti minn Malta, Martin u Roger aħwa Cauchi Inglott detenturi rispettivament tal-karti ta' l-identita' numru 210867 (M) u 23472(M)**

**vs**

**Nadine Bonnici, Karen Stilon De Piro Polotto, Robert u Dennis aħwa Cauchi Inglott u b'digriet tal-24 ta' Jannar 2019 Laura Gasan u Sandra Urpani ġew awtorizzati jkomplu l-kawża minflok u fl-interess tal-eredita' tal-mejta Nadine Bonnici**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-Atturi Fredrick Cauchi Inglott għan-nom ta' uliedu Martin u Roger aħwa Cauchi Inglott preżentat fis-26 ta' Novembru 2012 u maħluf minn Fredrick Cauchi Inglott stess fl-1 ta' Novembru 2012 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:-

"1. Illi l-atturi Martin u Roger aħwa Cauchi Inglott huma t-tfal ta' Fredrick Cauchi Inglott u Valerie Cauchi Inglott xebba Delia, liema atturi jinsabu residenti barra minn Malta u l-atturi taw u awtorizzaw lil missierhom

permezz ta' prokuri datati l-25 ta' Lulju 2012 li vera kopji tagħhom qegħdin esebiti bħala dokument MRC 1 u MRC 2, sabiex jirrapreżentahom fl-atti kollha rigwardanti l-wirt tal-mejjet zijuhom Alexander Cauchi Inglott;

2. Illi Alexander Cauchi Inglott miet nhar il-25 ta' Diċembru 1994 kif jiriiżulta miċ-ċertifikat tal-mewt markat dokument MRC 3;

3. Illi Alexander Cauchi Inglott kien miżżewweġ lil Giulia Sultana u miż-żwieġ tagħhom huma ma kellhom ebda tfal u/jew dixxendenti;

4. Illi Giulia Cauchi Inglott xebba Sultana mietet nhar is-16 ta' Jannar 2009 kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt markat dokument MRC 4;

5. Illi Alexander Cauchi Inglott ħalla testament wieħed matul ħajtu kif jirriżulta mir-riċerki testamentarji hawn annessi bħala dokumenti MRC 5 u MRC 6, fejn l-uniku testament li għamel f'ħajtu kien testament 'unica charta' ma' martu fl-atti tan-Nutar George Bonello Dupuis LLD tat-2 ta' Jannar 1984, li kopja ta' dan it-testment qiegħed jiġi anness bħala dokument MRC 7;

6. Illi f'dan it-testment fl-atti tan-Nutar George Bonello Dupuis LLD tat-2 ta' Jannar 1984, Alexander Cauchi Inglott ħalla s-segwenti disposizzjonijiet –

**It-Tieni Artikolu**
Jinnominaw u jistitwixxu lil xulxin u reċiprokament eredi universali ta' xulxin;

**It-Tielet Artikolu**
Is-superstiti fost it-testaturi *jinnomina b'eredi tiegħu lin-neputijiet tat-testatur Nadine Evelyn u Karen Mariny ahwa Stilon De Piro, Robert u Dennis aħwa Cauchi Inglott, u Martin u Roger ahwa Cauchi Inglott* – fi stima ndaqs bejniethom, bis-sostituzzjoni volgari u in mankanza bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom.

**Ir-Raba Artikolu**
B'titolu ta' legat konsegwibbli wara l-mewt tas-superstiti fosthom it-testaturi jħallu lill-imsemmija aħwa Stilon De Piro l-oġġetti ta-deheb, fidda u ħaġa prezzjuż li jkun ta' proprjeta' tagħhom.

7. Illi f'dan it-testment Alexander Cauchi Inglott ma tahx lill-martu l-fakolta' di variare kif kienet tistipula l-artikolu 593(1) tal-Kap 16;

8. Illi Alexander Cauchi Inglott kien wieħed minn erba' itfal tal-mejtin Dottor Ramiro Cauchi u Hilda Cauchi Inglott xebba Soler fejn kellu bħala subien u bniet lil George Cauchi Inglott, Josette Cauchi Inglott illum miżżewġa lil Dottor Mario Stilon De Piro u lil Fredrick Cauchi Inglott;

9. Illi l-atturi huma t-tfal ta' Fredrick Cauchi Inglott, mentri l-konvenuti Nadine Bonnici xebba Stilon De Piro u Karen Stilon De Piro Polotto (qabel Karen Mariny) huma tfal tal-konjugi Mario Stilon De Piro u Josette Cauchi Inglott illum miżżewġa Stilon De Piro, mentri George Cauchi Inglott għandu żewġt itfal li jisimhom Robert u Dennis Cauchi Inglott;

10. Illi wara l-mewt ta' Alexander Cauchi Inglott, mart Alexander Cauchi Inglott għamlet żewġ testmenti waħedha liema żewġ testmenti jidhru ndikati fir-riċerki testamentarji MRC 5 u MRC 6;

11. Illi dawn iż-żewġ testmenti huma – t-testment fl-atti tan-nutar George Bonello Dupuis LLD tas-17 ta' Jannar 1997 (dok MRC 8) u testment ulterjuri fl-ati tan-Nutar John Gambin tat-22 ta' Diċembru 2006 (dok MRC9);

12. Illi b'konsegwenza taż-żewġ testmenti sussegwenti li għamlet Giulia Cauchi Inglott wara l-mewt tal-mejjet żewgha Alexander Cauchi Inglott, Giulia Cauchi Inglott tilfet id-drittijiet kollha tagħha fuq il-wirt ta' żewġha, u inoltre ma setgħet qatt tiddisponi l-wirt ta' Alexander Cauchi Inglott, peress li Alexander Cauchi Inglott qatt ma taha l-kunsens lill-martu sabiex tagħmel dan u għalhekk Giulia Cauchi Inglott ivvjolat l-artikolu 593(1) tal-Kap 16. Illi fuq dan il-punt hemm 'inter alia' is-sentenza Maria Bianchi vs Maggur James A. Galizia deċiza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April 1937;

13. Illi għalhekk l-atturi f'din il-kawza qegħdin jippretendu s-sehem tagħhom mill-wirt ta' zijithom Alexander Cauchi Inglott inkluż l-imgħaxijiet u l-frott provenjenti mill-beni ta' l-istess ziju tagħhom, u dan mingħajr preġudizzju għal-legat li huwa ddispona fit-testment unica charta tat-2 ta' Jannar 1984 fl-atti tan-Nutar Geore Bonello DuPius LLD, fir-Raba Artikolu skont l-artikolu 594 tal-Kap 16;

14. Illi l-atturi bagħtu ittra uffiċċjali nhar is-27 ta' Lulju 2012 fejn bagħtu jinformaw lill-intimati kollha a rigward pretensonijiet u drittijiet li l-attur jippretendu li għandhom minħabba li huma wirtu liz-ziju tagħhom Alexander Cauchi Inglott, fejn kopja ta' din l-ittra uffiċċjali tas-26 ta' Lulju 2012 qiegħda tiġi hawn annessa bħala dokument MRC10;

15. Illi l-atturi jagħmlu referenza wkoll f'din l-ittra uffiċċjali għas-sentenza mogħtija mill-*Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Josette mart Dottor Mario Stilon de Piro vs Dr Charles Boffa et deċiża fl-10 ta' ottubru 2007* fejn kopja ta' din is-sentenza qiegħda tiġi hawn annessa bħala dokument MRC 11;

16. Illi l-atturi jiddikjaraw li huma għandhom sehem indiviż u ugwali mill-wirt ta' ziju tagħhom Alexander Cauchi Inglott fejn għahekk il-kuntratt ta' diviżjoni jrid isir bejn l-atturi li għandhom jidhru bħala werrieta flimkien mal-konvenuti Nadine Bonnici, Karen Stilon De Piro Polotto u

Robert u Dennis aħwa Cauchi Inglott għas-sehem li kellu l-mejjet testatur Alexander Cauchi Inglott;

17. Illi l-atturi ma rċevew ebda risposta bil-miktub da parti tal-konvenuti a rigward jekk huma xtaqu jirregolaw ruħhom jew le, fid-dawl ta' l-ittra uffiċċjali u fid-dawl tal-fatti kif ġew spjegati f'dan ir-rikors ġuramentat;

18. Illi għalhekk l-atturi kellhom jintavolaw din il-kawza;

Jgħidu għalhekk il-konvenuti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna l-għaliex din il-Qorti m'għandhiex –

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-atturi għandhom 1/6 sehem indiviż kull wieħed mill-wirt mobbli u immobbli li ħalla l-mejjet testator Alexander Cauchi Inglott li miet fil-25 ta' Diċembru 1994 (għajr għal legat fir-Raba' Artikolu) u dan kif iddispona fit-testment fl-atti tan-Nutar George Bonello Du Puis tat-2 ta' Jannar 1984;

2. Tikkundanna lill-konvenuti u/jew min minnhom, jħallsu dawk l-imgħaxijiet u frottijiet dovuti lilhom provenjenti lill-atturi bħala werrieta ta' 1/6 indiviż kull wieħed mill-wirt taz-ziju tagħhom Alexander Cauchi Inglott;

3. Tordna l-pubblikazzjoni tal-kunratt causa mortis relattiv fil-ġurnata, ħin u lok li jiġi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti, u tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-kuntratt causa mortis relattiv, u f'każ li l-konvenuti u/jew min minnhom ma jersqux għall-kuntratt causa mortis relattiv, jinħatar kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-konvenuti u/jew min minnhom li ma resqu għall-kuntratt relattiv;

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti u bl-imgħaxijiet legali dovuti mill-intavolar tal-ittra uffiċċjali tas-26 ta' Lulju 2012 sal-ħlas effettiv."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Franco Galea bħala mandatarju speċjali ta' l-assenti Konvenuti Robert u Denis aħwa Cauchi Inglott preżentata fis-7 ta' Marzu 2013 u maħlufa minn Dr. Franco Galea stess fl-istess ġurnata li permezz tagħha wieġbu u eċċepew is-segwenti:-

"1. Illi l-esponenti jaqblu ma dak premess mir-rikorrenti u ma joġġezzjonawx għall-ewwel u t-tielet talbiet attriċi mingħajr riżervi pero' in kwantu għat-tieni talba attriċi din għandha tiġi milqugħa limitatament fil-konfront ta' l-intimati l-oħra biss in kwantu l-esponenti ma jiddetjenu xejn mill-wirt ta' Alexander Cauchi Inglott;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti jinsabu fl-istess sitwazzjoni legali ta' l-atturi u cioe' huma werrieta ta' sehem ta' sest indiviż kull wieħed mill-wirt ta' Alexander Cauchi Inglott. Għaldaqstant jekk din l-Onorabbli Qorti ser takkolji t-teżi attriċi, hemm il-ħtieġa li qabel ma tgħaddi biex tilqa' t-tieni u t-tielet talba attriċi, terga' tiġi rikostruwita l-massa ereditaria ta' Alexander Cauchi Inglott inkuż il-frottijiet u l-imgħaxijiet, jiġu identifikati l-werrieta tiegħu skont il-liġi u wara dan biss ikun jista' jsir dak mitlub fit-tielet talba attriċi;

Bl-ispejjeż kontra l-atturi li huma minn issa nġunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Konvenuti Nadine Bonnici u Karen Stilon Depiro Polotto ppreżentata fit-22 ta' Lulju 2013 u maħlufa fl-istess data minn Nadine Bonnici li permezz tagħha wieġbu u eċċepew is-segwenti:-

"Illi fl-ewwel lok in-notifika hija nulla u irregolari; fir-rigward ta' Nadine Bonnici, in-notifika ma saritx fid-dar tagħha u fir-rigward ta' Karen Stilon De Piro Pilotto dina tgħix l-Isvizzera u kienet hemm fid-data tal-publikazzjoni u għalhekk in-notifika ma saritx fit-termini tar-regolamenti Ewropei;

Illi fir-rigward tal-fatti dikjarati l-esponenti jirrilevaw is-segwenti:

Dwar il-fatti fl-ewwel paragrafu tar-rikors ma hemmx kontestazzjoni;

Dwar il-fatti fit-tieni, fit-tielet u fir-raba paragrafi ma hemmx kontestazzjoni;

Dwar il-fatti fil-ħames u s-sitt pargrafu ma hemmx kontestazzjoni;

Illi l-fatti fis-seba paragrafu tar-rikors huma kontestati;

Illi l-fatti fit-tmien paragrafu tad-dikjarazzjoni ma hemmx kontestazzjoni;

Illi l-fatti fid-disa paragrafu tar-rikors ma humiex kontestati;

Illi l-fatti kif dikjarati fit-tnax il-paragafu tar-rikors huma kontestati;

Illi l-fatti kif dikjarati fit-tnax il-pargrafu tar-rikors huma kontestati;

Illi l-fatti fit-tlettax il-paragrafu tar-rikors huma kontestati;

Illi l-fatti fl-erbatax il-paragrafu tar-rikors ma humiex kontestati;

Illi l-fatti fil-ħmistax il-paragrafu tar-rikors ma humiex kontestati;

Illi l-fatti fis-sittax il-paragrafu tar-rikors huma kontestati. U dan għaliex għad ma ġiex stabbilit min huma l-werrieta ta' Alexander Cauchi Inglott, Giulia Cauchi Inglott kellha d-drittijiet ereditarji fuq dak il-wirt indipendentement minn kull testment imħolli minn Alexander Cauchi Inglott li huma salvati mil-liġi, ma ġiex stabbili min huma l-werrieta ta' Giulia Cauchi Inglott u jekk dawn aċċettawx il-wirt tagħha, u kull pretensjoni kontra l-wirt ta' Alexander Cauchi Inglott hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' għaxar snin;

Illi fir-rigward tas-sbatax il-paragrafu tar-rikors l-eċċipjenti ma għandhom xejn x'jgħidu;

Illi fir-rigward tat-tmintax il-paragrafu tar-rikors huma jirrilevaw li huma qegħdin jikkontestaw il-pretensjonijiet tal-atturi;

Illi għalhekk salv li ssir notifika lilhom skont il-liġi, l-esponenti jirrilevaw is-segwenti:-

1. l-azzjoni tal-atturi hija perenta bid-dekadenza ta' għaxar snin komminata fl-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili;

2. Il-ġudizzju mhux integru għaliex l-atturi messhom se mai pproċedew kontra l-eredita' ta' Giulia Cauchi Inglott u għalhekk il-konvenuti għandom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

3. Il-ġudizzju ma hux regolari għaliex qabel xejn kellu jsir aċċertament jekk il-konvenuti kienux qegħdin jaċċettaw il-wirt ta' Alexander Cauchi Inglott u ta' Giulia Cauchi Inglott;

4. Illi ma avverat ruħha l-ebda dekadenza għaliex ma sarux tibdiliet li jimportaw dekadenza; bil-mewt tiegħu il-wirt għadda f'idejn Giulia Cauchi Inglott liberu minn kull kundizzjoni;

5. Illi Giulia Cauchi Inglott bħala armla ta' Alexander Cauchi Inglott kellha drittijiet ereditarji proprji tagħha u dan indipendentement mit-testment ċitat.

6. Illi għalhekk il-proċedura segwita mill-atturi hija irritwali u l-konvenuti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju, u fi kwalsijasi każ infondata fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandha tiġi respinta fil-meritu;

7. Salvi kull eċċezzjoni ulterjuri spettanti lill-konvenuti."

Rat in-nota ta' sottomissjonjiiet preżentata mill-Konvenuti Nadine Bonnici u Karen Stilon De Piro Polotto u dik responsiva preżentata mill-Atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Lulju 2020 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għal Sentenza parzjali fuq l-ewwel tlett eċċezzjonijiet preliminari tal-Konvenuti Nadine Bonnici u Karen Stilon De Piro Polotto.

**Punti ta' fatti**

**1.** Il-partijiet f'din il-kawża huma lkoll neputijiet ta' ċertu Alexander Cauchi Inglott li miet fil-25 ta' Diċembru 1994 (ara ċetifikat tal-mewt a' fol 11). Alexander Cauchi Inglott kien miżżewweġ lil Giulia Sultana li mietet fis-16 ta' Jannar 2009 (ara ċertifikat tal-mewt a' fol 12). Ma kienx hemm tfal minn dan iż-żwieġ.

**2.** Il-wirt ta' Alexander Cauchi Inglott huwa regolat b'testment 'unica charta' magħmul fl-atti tan-Nutar George Bonello Dupuis fit-2 ta' Jannar 1984 (a' fol 19). F'dan it-testment l-konjugi Cauchi Inglott innominaw lil xulxin eredi universali u ordnaw li s-superstiti fosthom jinnomina b'eredi tiegħu lin-neputijiet ta' Alexander Cauchi Inglott lkoll parti f'din il-kawża (ara l-ewwel u t-tieni artikolu tat-testment a' fol 19). Il-konjugi Cauchi Inglott ħallew ukoll b'titolu ta' legat konsegwibbli wara l-mewt tas-superstiti fosthom lill-Konvenuti Nadine u Karen aħwa Stilon Depiro l-oġġetti tad-deheb, fidda u ħaġar prezzjuż li jkunu ta' proprjetá tagħhom (ara artikolu 4 a' fol 20). F'dan it-testment Alexander Cauchi Inglott ma tax lil martu l-

fakolta' di variare kif kien jiddisponi l-artikolu 593(1) tal-Kodiċi Ċivili qabel ma ġie emendat bl-Att XVIII tal-2004.

**3.** Ġara iżda li wara l-mewt ta' Alexander Cauchi Inglott, martu għamlet testment fl-atti tan-Nutar Gorge Bonello Dupuis datat 17 ta' Jannar 1997 (a' fol 21). Sussegwentement hija rrevokat dan it-testment b'testment ieħor fl-atti tan-Nutar John Gambin datat 22 ta' Diċembru 2006 (a' fol 24). Permezz ta' dan l-aħħar testment, mart Alexander Cauchi Inglott ħassret u rrevokat kull testment ieħor illi hija għamlet "sew waħedha kif ukoll kongiuntement ma' żewġha" u nnominat bħala uniċi eredi universali lill-Konvenuti Nadine u Karen aħwa Stilon de Piro f'ishma ndaqs bejniethom.

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

**4.** F'din l-azzjoni l-Atturi qed jitolbu lil din il-Qorti tiddeċiedi u tiddikjara li, ai termini tal-Artikoli 593 u 594 kif kienu viġenti qabel l-emendi ntrodotti bl-Att XVIII.2004, l-Atturi għandhom flimkien mal-konvenuti jirċievu mill-wirt ta' Alexander Cauchi Inglott bis-saħħa ta' dak dispost fit-tielet Artikolu tat-testment unica charta. Qabel ma istitwew din l-azzjoni l-Atturi preżentaw ittra uffiċjali a' fol 28 permezz ta' liema nformaw lill-intimati bil-pretensjonijiet tagħhom (a' fol 28). Ma jidher li ġiet preżentata ebda risposta bil-miktub għal din l-Ittra Uffiċċjali.

**5.** Għalkemm ma hemmx talba mill-Atturi għal dikjarazzjoni li Giulia Cauchi Inglott iddekadiet mid-drittijiet suċċessorji akkwistati bis-saħħa tat-testment unica charta meta, wara l-mewt ta' żewġha, bidlet dan it-testment

in kwantu għall-assi tiegħu, l-intenzjoni u l-iskop tal-kawża toħroġ ċar mill-premessi. Kif osservat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **It-tabib John Cassar et vs Olivier Ruggier** mogħtija fis-26 ta' Marzu 2010, "*fil-konsiderazzjoni tat-talbiet il-Qorti ma ghandhiex thares biss lejn it-talbiet izda lejn ic-citazzjoni kollha kemm hi, u cioe` anke dak li jinghad fil-premessi, billi mill-qari ta' dak kollu li jinghad qabel ma jsiru t-talbiet tista' tohrog cara l-intenzjoni u l-iskop tal-kawza*."

**6.** Il-prinċipju marbut mal-artikolu 593 tal-Kodiċi Ċivili ġie spjegat tajjeb mill-Qorti Ċivili Prim' Awla fis-sentenza **Emanuela Gauci vs Lawrence Mifsud et** datata 4 ta' April 2006 kif ġej:

"*Testment unica charta fejn il-konjugi jaghmlu disposizzjonijiet favur xulxin jitqies, fil-ligi maltija, maghmul taht kondizzjoni reciproca, fis-sens li d-disposizzjonijiet ta' testatur favur testator iehor jibqghu jghoddu diment li t-testatur beneficcjarju ma jhassarx it-testment unica charta in kwantu ghall-assi tieghu; jekk it-testatur beneficcjarju hekk jagixxi, ittestment il-gdid ikun validu u jorbot, izda dak it-testatur jitlef kull jedd li kellu bis-sahha tat-testment unica charta fuq l-assi tal-testatur li jmut qabel.*"

<u>**Konsiderazzjonijiet**</u>

**7.** Il-Konvenuti aħwa Stilon De Piro laqgħu għal din l-azzjoni billi preliminarjament eċċepew is-segwenti:

(i) Id-dekadenza tal-azzjoni taħt l-Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili;

(ii) In-nuqqas ta' ntegritá ta' ġudizzju "għaliex l-atturi messhom se maj ipproċedew kontra l-ereditá ta' Giulia Cauchi Inglott";

(iii) L-irregolaritá tal-ġudizzju "għaliex qabel xejn kellu jsir aċċertament jekk l-konvenuti kienux qiegħedin jaċċettaw il-wirt ta' Alexander Cauchi Inglott u ta' Giulia Cauchi Inglott".

_Dekadenza tal-azzjoni taħt artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili._

**8.** Din il-Qorti ħa tibda billi tikkunsidra l-ewwel eċċezzjoni bbażata fuq l-artikolu 845 tal-Kap. 16.

**9.** Kif ġie kemm il-darba stabbilit, "*ż-żmien maħsub fl-artikolu 845 ġie mfisser bħala wieħed preskrittiv u mhux ta' dekadenza, u għandu minn żmien ta' preskrizzjoni akkwiżittiva (App. Ċiv.* ***28.3.1955*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Borġ et vs Żammit*** *(Kollez. Vol:* ***XXXIX.i.139****)). Il-prinċipju li fuqu huwa mibni l-imsemmi artikolu huwa dak li jwaqqaf kawżi ta' wirt jew sehem minn wirt kontra min, għaż-żmien ta' għaxar snin, ikun żamm f'idejh bħala sid il-ġid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja;*

*Illi, madankollu u b'effett dirett tan-natura essenzjali tal-preskrizzjoni maħsuba f'dak l-artikolu, ingħad li persuna li ma żżommx għandha ħwejjeġ jew assi minn wirt bħala tagħha, ma tistax tressaq favuriha l-preskrizzjoni tal-għaxar snin tal-petitio hereditatis li dwarha jitkellem l-artikolu taħt eżami;...*

*Illi huwa stabilit li biex tirnexxi l-eċċezzjoni taħt l-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili (bħalma huwa meħtieġ f'kull każ ta' eċċezzjoni ta' preskrizzjoni akkwiżittiva taħt l-artikolu 2140 tal-istess Kodiċi) irid jintwera li min ikun ġie mfittex biex irodd il-ħaġa mħollija b'wirt (x'aktarx, iżda mhux bilfors, taħt titolu partikolari) lill-parti attriċi, irid ikun żamm pussess sħiħ ta' l-ħaġa mitluba daqslikieku kienet tiegħu (animo domini) għaż-żmien kollu preskrittiv (P.A. **19.5.1957** fil-kawża fl-ismijiet **Ellul Boniċi vs Apap Bologna et noe** (Kollez. Vol: **XLI.ii.1022**)). Jeħtieġ jintwera wkoll li, għal tul dak iż-żmien kollu, min ikun żamm f'idejh dawk il-ħwejjeġ tal-wirt ikun għamel hekk b'bona fidi (App. Ċiv. **29.1.1954** fil-kawża fl-ismijiet **Briffa vs Scicluna** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.21**)). Minħabba li l-bona fidi hija preżunta, min jallega l-mala fidi jrid jipprova allegazzjoni bħal dik (Art. 532 tal-Kap 16);*" (**Ignazia Degabriele vs Joseph Attard et**, Qorti Ċivili Prim' Awla, 23 ta' Ġunju 2005).

**10.** Ma hemm xejn fl-atti li b'xi mod juri li l-Konvenuti żammew pussess sħiħ tal-wirt li ħalla l-mejjet testatur Alexander Cauchi Inglott għal għaxar snin bil-mod kif imfisser fis-sentenza appena ċitata. Anzi jirriżulta li l-perjodu preskrittiv ta' għaxar snin kontemplat fl-imsemmi artikolu 845 tal-Kap. 16 anqas biss għadda. Kif ġie ritenut, "*F'kaz ta' testment li jwassal ghal dekadenza tat-testatur li jmut l-ahhar, din il-piena "….<u>tkun konstatata **bilfors** fil-mewt tas-superstiti li kiser il-kelma tieghu</u>, ghaliex it-testment ta' persuna johrog l-effett tieghu meta tmut dik il-persuna u mhux qabel….."*

(Maria Bianchi vs Maggur James A. Galizia deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April 1937 – Vol. XXIX.i.991)." (sottolinear u emfażi ta' din il-Qorti) (**Victoria Xuereb et vs Angiolina Aquilina**, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, 2 ta' Ottubru 2008).

**11.** Il-mewt ta' Giulia Cauchi Inglott seħħet fis-16 ta' Jannar 2009 filwaqt li l-azzjoni odjerna ġiet intavolata fis-26 ta' Novembru 2012. Għaldaqstant għaddew biss tlett snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni ta' mart Alexander Cauchi Inglott sakemm infetħet din il-kawża.

**12.** Isegwi għalhekk li l-Konvenuti mhux biss ma jistgħux iressqu favurihom l-preskrizzjoni tal-għaxar snin tal-azzjoni għas-sehem fil-wirt (petitio hereditatis) għax ma urewx il-pussess meħtieġ, iżda lanqas biss għaddew l-għaxar snin meħtieġa biex tirnexxi din l-eċċezzjoni. Din il-Qorti għalhekk sejra tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni invokata mill-Konvenuti taħt l-Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili bħala mhux mistħoqqa.

*<u>It-tieni u t-tielet eccezzjoni</u>*

**13.** Qabel ma din il-Qorti tiddeciedi it-tieni eccezzjoni trid l-ewwel tikkonsidra it-tielet eċċezzjoni, kif ippostulata, li tirrigwarda l-aċċettazzjoni o meno' il-wirt ta' Alexander u Giulia konjugi Cauchi Inglott da parti tal-konvenuti Nadine Bonnici (issa Laura Gasan u Sandra Urpani bħala werrieta ta' ommhom) u Karen Stilon Depiro. Il-prova li l-wirt ġie aċċettat b'atti ta' erede tispetta lill-Atturi jagħmluha.

**14.** Fin-nota ta' osservazzjoni tal-Atturi dawn għidu hekk dwar it-tielet eċċezzjoni:

*"Illi fl-ahhar nett, fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-intimati, l-intimati jeccepixxu u jargumentaw li l-atturi ma ghamlux atti di eredita'. Illi b'kull rispetto dan huwa rgument fazull u frivolu da parti tal-intimati, billi bil-fatt stess li l-atturi wara l-mewt ta' Giulia Cauchi Inglott ezercitaw id-drittijiet taghhom permezz ta' ittra ufficjali (qabel l-intavolar tal-Kawza} u ssusegwentement per mezz tal-intavolar ta' din il-Kawza. Huwa altru att espress u ovvju li l-atturi qeghdin jaccettaw il-wirt ta' zijuhom Alex Cauchi Inglott issa li martu ( Giulia Cauchi Inglott) mietet u issa li d-drittijiet tal-atturi ma baqghux aktar kundizzjonali , izda saru rejali mal-mewt ta' Giulia cauchi Inglott."* (ara a' fol 314).

**15.** Iżda fis-sewwa, mhux dak li qegħdin jeċċepixxu l-Konvenuti Nadine Bonnici (issa Laura Gasan u Sandra Urpani bħala werrieta ta' ommhom) u Karen Stilon Depiro. Huma qegħdin jeċċepixxu mhux li ma hemmx prova li l-Atturi ma aċċettawx l-eredita', iżda li tali prova riedet issir fil-konfront. Isostnu bil-maqlub. Di fatti l-eċċezzjoni tagħhom hija fis-sens li "*Il-gudizzju ma hux integru ghaliex qabel xejn kellu jsir accertament **jekk il-Konvenuti kienux qeghdin jaccettaw il-wirt** ta' Alexander Cauchi Inglott u ta' Giulia Cauchi Inglott."* (Emfażi tal-Qorti u ara a' fol 84).

**16.** Di fatti il-Konvenuti fuq imsemmija fin-nota tagħhom jsostnu hekk: "*L-eccezzjoni tan-nuqqas tal-accettazzjoni tal-wirt ta' Gulia Inglott hija fis-sens li: " Il-gudizzju mhux integru ghaliex l-atturi semmai messhom ipprocedew kontra l-eredita' ta' Giulia Farrugia Inglott u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-gudizzju. Din l-eccezzjoni tibbaza ruhha fuq il-fatt li l-atturi ma ressq ebda prova li* ***l-intimati accettaw il-wirt tal-istess Giulia*** *Cauchi Inglott u kien jinkombu lill-atturi li jaghmlu din il-prova jekk riedu jirnexxu fit-talba taghhom."* (Emfazi tal-Qorti u ara a' fol 304). Dan l-argument ikomplu jsostnuh aktar 'il quddiem fin-nota imsemmija (a' fol 306). Dan ifisser li l-konvenuti qatt ma eċċepew li l-atturi ma aċċettawx l-ereditajiet mertu ta' dawn il-proċeduri, iżda ma tressqet ebda prova **li huma aċċettaw.**

**17.** Tajjeb li jingħad li permezz tat-tielet eċċezzjoni, il-Konvenuti imsemmija jeċċepixxu ukoll dan kollu fil-konfront tal-eredita' ta' Alexander Cauchi u dak li qalu fil-konfront tal-eredita' ta' martu huwa applikabbli anke għal din l-eredita'. Il-Qorti ma tistax ma tiġbidx l-attenzjoni, li n-nuqqas ta' preċiżjonijiet tal-partijiet kollha għal kawża ma jgħin xejn lil din il-Qorti. Għalhekk il-Qorti ser tgħaddi biex tikkonsidra t-tieni u t-tielet eċċezzjoni flimkien u bħala konsegwenza ta' xulxin.

**18.** L-aċċettazzjoni tal-wirt tista' tkun espressa jew taċita fit-termini ta' dak dispost fl-artikolu 850 tal-Kodiċi Ċivili. *"Hija espressa, meta wieħed jieħu l-kwalitá ta' werriet f'att pubbliku jew f'kitba privata"*. Jirriżulta mix-xhieda ta' Karen Stilon De Piro li diviżjoni formali tal-wirt ma saritx (a' fol

268 u 269). Difatti jirriżulta mill-inkartament li l-uniku att bil-miktub li sar mill-Konvenuti aħwa Stilon De Piro qua eredi tal-istess Giulia Cauchi huwa d-dikjarazzjoni causa mortis (a' fol 94). L-Artikolu 33 (5) tal-Att dwar it-Taxxa fuq Trasferimenti u Dokumenti iżda jistipula ċar li tali dikjarazzjoni "*m'għandhiex minnha nnifisha tkun prova li dak il-werriet jew legatarju jkun aċċetta l-wirt jew il-legat imħolli lilu.*" Atti ta' dikjarazzjoni causa mortis għandhom fil-fatt, fit-termini tal-artikolu 852 tal-Kodiċi Ċivili, jitqiesu atti ta' konservazzjoni, jew ta' amministrazzjoni tal-wirt li "*ma jġibux aċċettazzjoni tal-wirt meta ma tkunx ittieħedet ukoll il-kwalitá ta' werriet*". F'dan is-sens huwa wkoll l-insenjament mogħti mill-Qrati nostrali:

"*Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***Clementina Farrugia et vs Maddalena Farrugia deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' April 1962 (Vol. XLVI.i.214)*** *fejn gie kkonfermat li denunzja m'hijiex att ta' eredi u lanqas accettazzjoni imma semplici att ta' konservazzjoni u amministrazzjoni u li biex issir m'hemmx ghalfejn ikollok l-intenzjoni li taccetta l-eredita'. Il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn dan ir-ragunament m'ghandux japplika wkoll fil-kaz ta' dikjarazzjoni causa mortis*." (**Carmel Attard vs Joseph Attard et**, **Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri 21 ta' April 2008**).

**19.** Isegwi li ma jistax jingħad li seħħet aċċettazzjoni espressa mill-Konvenuti aħwa Stilon De Piro tal-wirt ta' Alexander u Giulia konjugi Cauchi Inglott.

**20.** Aċċettazzjoni taċita tal-wirt min naħa l-oħra tissarraf f'att magħmul mill-werriet li "*bilfors ifisser li huwa ried jaċċetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd jagħmel jekk mhux bħala werriet*" (ara artikolu 850(3) tal-Kap. 16). Ġie insenjat li "*L-accettazzjoni trid tkun neccessarjament tippresuponi l-intenzjoni li wiehed jaccetta l-kwalita' tieghu ta' eredi. Sabiex wiehed jasal biex jikkonkludi li hemm accettazzjoni tacita, "dan ried ikun tali li certament, necessarjament u univokament, minnu ma tkunx tista' tigi nferita konsegwenza ohra hlief dik li min ghamlu ried jaccetta l-eredita`. U l-prova li l-att ikun jirrivesti dawn il-karattri jinkombi lil min jallega li dak l-att jirrivesti dawn il-karattri"* (**Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto –vs- Nobbli Charles Vella Bonavita et**, **Prim'Awla, Qorti Civili, 14 ta' Dicembru 1966)." (Carmel Attard vs Joseph Attard et gia ċitata supra).**

**21.** Dan huwa ukoll konkordi ma' dak li jgħallmu l-awturi dwar dan il-punt fosthom il-**Pacifici-Mazzoni** għid hekk: *" Allorche' l'atto sia tale che il chiamato alla eredita' l-avrebbe potuto fare in una qualita' diversa da quella di erede, non presuppone la volonta' di accettare, quantunque egli non abbia manifestato in quale qaulita' lo compiva; e neppure qunatunque risulti dale cirkostanza , aver avuto egli l'intenzionedi compierlo da erede; [perche' sia per lui, sia per I terzi , l'intenzione di accettare deve esser manifesta in modo chiaro e certo dal fatto, considerate in se' e non dale circostanze che possono essere dubbie ed equivoche ."* (**Libro III .TIT II. Cap. III. Sez.III pg.285**).

**22.** Huwa minnu, li safejn jirrigwarda aġir tal-konvenuti anteċedentement għall-Kawża ma jirrisultax li nġabet ebda xi prova kwalunkwe li turi li l-Konvenuti aħwa Stilon De Piro għamlu xi att ta' eredi b'mod li jista' jingħad li aċċettaw taċitament il-wirt ta' Alexander u Giulia konjugi Cauchi Inglott fis-sens kif stabbilit fis-Sentenza appena ċitata. It-terminu ai termini tal-artikolu 868 ma jistax jiġi impost ex ufficio minn din il-Qorti iżda għandu jintalab minn min għandu interess fl-eredita`. Il-Qorti ma tistax ma tfakkarx, li din l- eċċezzjoni l-ewwel li ngħatat kien fit-22 ta' Lulju 2012.

**23.** Il-Qorti tistqarr li ħasbet fit-tul dwar dan l-aspett tal-Kawża. Iżda huwa ċar, li meta l-Konvenuti taw l-ewwel eċċezzjoni tad-dekadenza tal-azzjoni ai termini tal-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili għamlu stedina lil din il-Qorti biex tikkonsidra element legali tax-xorta li huwa inkompatibbli mat-tieni u t-tielet eċċezzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti, eċċezzjoni ta' din ix-xorta tippresupponi li l-Konvenuti fil-fatt aċċettaw l-eredita'. Din l-eċċezzjoni hija inkompatibbli mat-tieni u t-tielet eċċezzjoni. Dan ifisser, li jekk ma għamlu ebda atti di erede taċitament qabel il-Kawża, dan għamluh fil-kawża bl-ewwel eċċezzjoni u għalhekk "*pretestatio contra actum non valet".*

**24.** Din l-eċċezzjoni timporta konsegwenzi legali fuq is-sostanza tal-azzjoni. Di fatti, huwa stabbilit li biex tirnexxi l-eċċezzjoni taħt l-Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili, bħal ma huwa meħtieġ f'kull każ ta' eċċezzjoni ta' preskrizzjoni akkwiżittiva, irid jintwera li min ikun ġie mfittex biex irodd il-ħaġa mħollija b'wirt (x'aktarx, iżda mhux bilfors, taħt titolu partikolari) lill-

parti attriċi, irid ikun żamm pussess sħiħ tal-ħaġa mitluba daqs li kieku kienet tiegħu (*animo domini*) għaż-żmien kollu preskrittiv. (**P.A. 19.5.1957 fil-kawża fl-ismijiet Ellul Bonici vs Apap Bologna et noe; Kollez. Vol: XLI.ii.1022**). Ai fini tal-konsiderazzjoni li għandha quddiemha din il-Qorti, ftit jimporta jekk jesistux dawn l-elementi għax il-punt per se ta' dekadenza tal-azzjoni ser ikun respint, kif diġa' aċċennat aktar 'l fuq. Li huwa importanti hu li l-għotja tat-tieni u t-tielet eċċezzjoni ma humiex kompatibbli mal-ewwel waħda kif fuq spjegat.

**25.** Kemm l-awturi taljani u anke l-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana għandhom xi jgħidu dwar dan il-punt partikolari **G. Pescatore u C.Ruperto** fir-rigward ta' atti di erede taċita jispjegaw hekk:

"*L'accettazione tacita dell'eredita' puo desumersi non solo dal compimento da parte del chiamato alla successione di attic he per che per la loro natura presuppongono l'acquisto dell'eredita' ed all'eredota' si referiscono <u>, ma benanche dal comportamento processsuale del successibile che si riveli incompatibile con la volonta' di non accettare </u>(Cass, 11 Giugno 1963 .n. 1554 . Giust civ , Mass. 1963, 734 )"* (Emfażi ta' din il-Qorti. **Codice Civile Annotato . !978 Ed. Giuffre' Ed. Pg 281** ). Dan it-tagħlim huwa ukoll ribadit minn deċizjonijiet oħrajn tal-Qorti ta' Kassazjoni Taljana meta intqal li "*La titolarità della posizione soggettiva, attiva o passiva, vantata in giudizio è un elemento costitutivo della domanda ed attiene al merito della decisione, sicchè spetta all'attore allegarla e provarla, <u>salvo il</u>*

*<u>riconoscimento, o lo svolgimento di difese incompatibili con la negazione, da parte del convenuto</u>.* ( Emfazi ta' din il-Qorti. **CORTE DI CASSAZIONE, SEZ. III CIVILE - SENTENZA 6 luglio 2020, n.1385).**

**26.** Dan ifisser għalhekk, l-anqas it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet ma huma ser jintlaqgħu bil-konsegwenza li din il-Qorti ser tkun qed tordna l-prosegwiment tal-Kawża.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tiċħad l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet** tal-konvenuti Nadine Bonnici u Karen Stilon Depiro Polotto u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Spejjes ta' din is-Sentenza a' karigu tal-imsemmija konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**